# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **<u>JUM 1</u> - 15 ta' Diċembru** — **Tema: <u>EJJA, MULEJ ĠESÙ</u>**
  **It-Tlieta P.M.** — **Gruppi ta' Talb**
  (Resp. Rita Abdilla, Karmena Cutajar, Ġuża Zammit u Tessie Magri)

*Wara r-Rużarju*

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu: <u>O Ejja, ejja Emmanuel</u>** p. 5
  https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

**<u>Mill-Ktieb tas-Salmi</u>** **(Salm 44: 24-27)**

"Qum! Għax int rieqed, Sid tiegħi? Stenbaħ! La twarrabniex għal dejjem.
Għaliex taħbi wiċċek minna? Għaliex tinsa d-dwejjaq u t-tagħkis tagħna?
Għax fit-trab ninsabu mitluqa, mixħuta mal-art minn tulna.
Qum! Ejja biex tgħinna! Eħlisna, f'ġieħ it-tjieba tiegħek!"

***Il-Kelma tal-Mulej.*** ***Irroddu ħajr lil Alla.***

- **ĦSIEB**

**<u>Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI</u>**

Dak li naduraw fis-Sagrament Imqaddes huwa l-Għimmanu-el, l-Alla magħna, li ġie fid-dinja biex isalvana. Fin-novena tal-Milied, li qed nibdew illum, filwaqt li nersqu bil-mod il-mod lejn il-Lejl Qaddis, il-liturġija tirrepetilna b'qawwa dejjem iktar intensa: 'Maranatha! Ejja, Mulej Ġesù!' Din it-talba titla' mill-qlub ta' dawk li jemmnu imxerrda mad-dinja kollha u tidwi f'kull komunità li temmen. Fil-Milied jasal il-Messija mistenni, Dak li fis-sinagoga ta' Nażaret jgħid għalih il-kliem profetiċi tal-qedem: 'Bagħatni [...] nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin' (Lq 4,18). Is-Salvatur tal-bniedem se jiġi jsalvana u jkisser l-irbit kollu tal-qerq, tal-egoiżmu, tad-dnub, li jżommna lsiera. Kemm hu importanti li nħejju ruħna biex nilqgħuh b'umiltà u b'sinċerità!

Fil-misteru tat-twelid ta' Kristu, il-Missier tas-sema juri l-ħniena tiegħu lill-umanità. Huwa ma riedx iħalli lill-bniedem waħdu fid-dnub tiegħu, imma ġie jiltaqa' miegħu, huwa u joffrilu l-maħfra li teħles mill-ħakma tad-dnub bil-qawwa tal-grazzja Tiegħu. Jalla dawn l-aħħar jiem tal-Avvent isaħħu f'kull wieħed minna ix-xewqa li niltaqgħu ma' Kristu, il-Prinċep tas-Sliem, għajn tal-veru ferħ tagħna.

Illum il-ġurnata qed induqu d-djgħufija ta' ħajjitna f'din id-dinja imma bl-inkarnazzjoni tal-Iben waħdieni tal-Missier, il-ħarsa tagħna jirnexxielha tilqa' dejjem l-imħabba providenzjali ta' Alla li tagħti sens u valur lill-eżistenza kollha tagħna. Il-liturġija ta' dan iż-żmien tal-Avvent tħeġġiġna għall-fiduċja, tinkuraġġina nintelqu f'idejn Dak li jista' jaqta' ix-xewqat kollha ta' qlubna. Marija, bl-'iva' tagħha lill-Anġlu Gabrijel, għamlet ir-rieda ta' Alla u tat bidu għall-misteru kbir tas-salvazzjoni. Ħa tkun hi dik li takkumpanjana fil-laqgħa tagħna mal-Għimmanu-el, mal-Alla magħna.

*Papa Benedittu XVI, Diskors lir-Rappreżentanti tal-Forzi Armati Taljani, 16 ta' Diċembru 2005*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
  https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

- **TALBA**

A. Familja Mqaddsa:
Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

- **Tantum Ergo u Barka Sagramentali**
  https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

*Fil-Quddiesa*

- **Antifoni u Salmi** p. 20-22
- **Preċi** p. 53
- **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 53
  **u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'

# Novena tal-Milied 2015

- **JUM 2** - 16 ta' Diċembru L-Erbgħa P.M.

**Tema:** INWIEĠBU IVA GĦALL-ĦNIENA TA' ALLA

**Letturi u Animaturi**

(Resp. Pauline Zammit, u Connie Farrugia)

*Wara r-Rużarju*

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu:** O Ejja, ejja Emmanuel p. 5
  https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

**Mill-Evanġelju skont San Luqa** (Luqa 1: 26-38)

F'dak iż-żmien, fis-sitt xahar, Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nażaret,
għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.
L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek."
Hi tħawwdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.
Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla.
Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù.
Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru
u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."
Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?"
Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek.
U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla.
Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf,
u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal,
għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."
Mbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!"
U l-anġlu telaq minn quddiemha.

***Il-Kelma tal-Mulej.*** ***It-Tifħir Lilek Kristu.***

- **ĦSIEB**

**Mit-Tagħlim tal-Papa Franġisku**

Marija hija dik li għamlet possibbli l-inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla, "ir-rivelazzjoni tal-misteru, moħbi fis-skiet għal sekli sħaħ" (Rum 16, 25). Għamlet possibbli l-inkarnazzjoni tal-Verb grazzi għall-"iva" umli u kuraġġjuża tagħha. Marija tagħllimna kif nilqgħu l-mument it-tajjeb li fih Ġesù jgħaddi fil-ħajja tagħna u jitlob minnha tweġiba f'waqtha u ġeneruża. U Ġesù jgħaddi. Fil-fatt, il-misteru tat-twelid ta' Ġesù f'Betlehem, li seħħ fl-istorja tal-bniedem aktar minn elfejn sena ilu, iseħħ, bħala ġrajja spiritwali, fl-"illum" tal-Liturġija. Il-Verb, li sab għamara fil-ġuf verġinali ta' Marija, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Milied jiġi jħabbat mill-ġdid lill-qalb ta' kull nisrani: jgħaddi u jħabbat. Kull wieħed minna huwa msejjaħ biex iwieġeb, bħal Marija, b'"iva" personali u sinċiera, u biex ipoġġi lilu nniffsu għal kollox għad-dispożizzjoni ta' Alla, tal-ħniena tiegħu u tal-imħabba tiegħu. Kemm-il darba Ġesù jgħaddi f'ħajjitna, kemm 'il darba jibgħatilna anġlu, u kemm-il darba ma nindunawx għax inkunu mehdijin wisq, mgħarrqa fi ħsibijietna, fl-impenji tagħna, u jħabbat fuq il-bieb ta' qalbna, jitlob li nilqgħuh, jitlobna "iva", bħal dik ta' Marija.

Wieħed qaddis kien jgħid: "Nibża' li jgħaddi l-Mulej." Tafu għalfejn kien jibża'? Kien jibża' li jgħaddi u ma jindunax bih. Meta aħna nħossu f'qalbna: "Nixtieq inkun persuna aħjar ... jisgħob bija minn dak li għamilt ..." dan hu l-Mulej li qed iħabbat. Iġiegħlek tħossok hekk: ix-xewqa li tkun aħjar, ix-xewqa li tkun eqreb lejn l-oħrajn, lejn Alla. Jekk tħoss dan, ieqaf. Hemm il-Mulej hemm! U mur itlob, forsi tqerr ukoll, biex tnaddaf ftit ... dan jagħmel tajjeb. Imma ftakar: jekk tħoss ir-rieda li ssir persuna aħjar, dak hu l-Mulej li qed iħabbat: tħallihx għaddej.

Fil-misteru tal-Milied, ħdejn Marija hemm il-preżenza siekta ta' San Ġużepp, kif jidher f'kull presepju. L-eżempju ta' Marija u Ġużeppi hu għalina lkoll stedina biex nilqgħu lil Ġesù b'qalb miftuħa għal kollox, li għalina sar ħuna. Hu ġej biex iġib lid-dinja d-don tal-paċi: "Paċi fl-art lill-bnedmin li Hu jħobb" (Lq 2, 14), kif ħabbru l-anġli flimkien lir-rgħajja. Ir-rigal prezzjuż tal-Milied hija l-paċi, u Kristu huwa l-paċi tagħna. U Kristu jħabbat lill-qalb tagħna biex itina l-paċi, il-paċi tar-ruħ. Ejjew nifthu l-bibien għal Kristu!

*Papa Franġisku, Angelus, 21 ta' Diċembru 2014*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
  https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

- **TALBA**

A. Familja Mqaddsa: Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja. Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

- **Tantum Ergo u Barka Sagramentali**
  https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

***Fil-Quddiesa***

- **Antifoni u Salmi** p. 23-25
- **Preċi** p. 54
- **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 54
  **u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **JUM 3** - 17 ta' Diċembru Il-Ħamis P.M.

**Tema:** IL-MISSIER, KOLLU ĦNIENA, QIEGĦED JISTENNIENA
**Museum - Bniet u Subien**
(Resp. Sup. Anthony Dimech u Carol Farrugia)

*Wara r-Rużarju*

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu:** O Ejja, ejja Emmanuel p. 5
https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

**Mill-Evanġelju skont San Ġwann** (Ġwanni 1, 8-14)
Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl,
dak id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja.
Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux.
Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx.
Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu,
li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.
U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.

*Il-Kelma tal-Mulej. It-Tifħir Lilek Kristu.*

- **ĦSIEB**

**Mit-Tagħlim tal-Papa Franġisku**
Fil-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla hemm ukoll aspett li hu marbut mal-libertà umana, mal-libertà ta' kull wieħed minna. Fil-fatt, il-Kelma t'Alla jtella t-tinda tiegħu fostna, midimbin u fil-ħtieġa tal-ħniena. U aħna lkoll għandna ngħaġġlu biex nirċievu l-grazzja li hu joffrielna. Imma għall-kuntrarju, jkompli jgħidilna l-Vanġelu ta' San Ġwann, "dawk tiegħu ma laqgħuhx" (v. 11). Aħna wkoll, ħafna drabi niċħduh, nippreferixxu li nibqgħu fl-għeluq tal-iżbalji tagħna u fid-dwejjaq ta' dnubietna. Imma Ġesù ma jħalliniex u ma jieqafx milli joffri lilu nnfisu u l-grazzja tiegħu li ssalvana! Ġesù huwa paċenzjuż, Ġesù jaf jistenna, jistenniena dejjem. Dan huwa messaġġ ta' tama, messaġġ ta'salvazzjoni, qadim u dejjem ġdid. U aħna msejħin biex bil-ferħ nagħtu xhieda ta' dan il-messaġġ tal-Vanġelu tal-ħajja, tal-Vanġelu tad-dawl, tat-tama u ta' l-imħabba. Għaliex il-messaġġ ta' Ġesù huwa dan: ħajja, dawl, tama, mħabba.

Marija, Omm Alla u Omm ħelwa tagħna, żommna int dejjem, biex nibqgħu fidili għall-vokazzjoni nisranija, u nkunu nistgħu inwettqu ix-xewqat ta' ġustizzja u ta' paċi.

*Papa Franġisku, Angelus, 5 ta' Jannar 2014*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

## ➢ TALBA

A. Familja Mqaddsa:
Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.
*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.
*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

## ➢ Tantum Ergo u Barka Sagramentali
https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

*Fil-Quddiesa*

➢ **Antifoni u Salmi** p. 26-28
➢ **Preċi** p. 55
➢ **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 55
**u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **<u>JUM 4</u> - 18 ta' Diċembru Il-Ġimgħa P.M.**

**Tema: <u>IŻ-ŻMIEN TAL-ĦNIENA WASAL</u>**
**Kummissjoni Djakonija u Liturġija**
(Resp. Grace Vassallo u Tony Pace)

***Wara r-Rużarju***

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu: <u>O Ejja, ejja Emmanuel</u>** **p. 5**
  **https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ**

- **QARI**

**<u>Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija</u>** **(Iż 63: 15-19)**

Ħares mis-sema u ara, ħares mill-għamara mqaddsa u glorjuża tiegħek.
Fejn hi l-ħeġġa u l-qawwa tiegħek? Fejn hi l-ħerqa u l-ħniena ta' qalbek?
Tonqosx mill-ħniena tiegħek għalina.
Għax int, Mulej, missierna; Abraham ma jafniex, Iżrael ma jagħrafniex.
Int, Mulej, missierna, ismek il-Feddej tagħna sa minn dejjem.
Għaliex, Mulej, iġġegħelna nwarrbu minn triqatek,
u twebbsilna qalbna biex ma nibżgħux minnek?
Erġa' lura, minħabba l-qaddejja tiegħek, it-tribujiet li huma wirtek.
Għaliex rifsu l-ħżiena fis-santwarju tiegħek,
u l-għedewwa tagħna middew riġlejhom fit-tempju tiegħek?
Sirna bħall-ġnus li int qatt ma ħkimt fuqhom, u lanqas ismek ma jissejjaħ fuqhom.
Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel minn hemm.

***Il-Kelma tal-Mulej.*** ***Irroddu ħajr lil Alla.***

- **ĦSIEB**

**<u>Mit-Tagħlim tal-Papa Franġisku</u>**

Hemm invokazzjoni li l-liturġija tal-Avvent tfakkarna minn żmien għal żmien: "Mhux li kien iċċarrat is-smewwiet u tinżel!" (Iż. 63,19). Jekk is-smewwiet jibqgħu magħluqin, l-orizzont tal-ħajja tagħna fuq din l-art jibqa' mdallam, imċaħħad mit-tama. Imma, bit-tifkira tal-Milied, il-fidi tagħna għal darb'oħra taċċertana li s-smewwiet reġgħu iċċartu bil-miġja ta' Ġesù. U f'jum il-magħmudija ta' Ġesù għal darb'oħra nħarsu lejn is-smewwiet miftuħa. Id-dehra tal-Iben ta' Alla fuq l-art timmarka l-bidu ta' żmien qawwi ta' ħniena, wara li d-dnub kien għalaq is-smewwiet, u tella' bħal qisu ħajt bejn il-bniedem u l-Ħallieq tiegħu. Bit-twelid ta' Ġesù is-smewwiet jinfetħu! F'Ġesù, Alla jtina l-garanzija ta' mħabba li ma tistax tinqered. Minn mindu l-Verb sar bniedem nistgħu għalhekk naraw is-smewwiet miftuħa. Dan kien possibblu għar-rgħajja ta' Betlehem, għall-Maġi li ġew mil-Lvant, għall-Għammiedi, għall-Appostli ta' Ġesù, għal San Stiefnu, l-ewwel martri, li għajjat: "Qed nara s-smewwiet miftuħa!" (Att 7,56). U dan huwa possibli għal kull wieħed u waħda minna, jekk inħallu l-imħabba ta' Alla taħkimna, din l-imħabba li tingħatalna għall-ewwel darba fil-Magħmudija permezz tal-Ispirtu s-Santu. Ejjew inħallu l-imħabba ta' Alla taħkimna! Dan hu ż-żmien qawwi tal-ħniena! Tinsewx: dan hu ż-żmien qawwi tal-ħniena!

*Papa Franġisku, Anġelus, 12 ta' Jannar 2014*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
  https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

- **TALBA**

A. Familja Mqaddsa:
Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

- **Tantum Ergo u Barka Sagramentali**
  https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

*Fil-Quddiesa*

- **Antifoni u Salmi** p. 29-31
- **Preċi** p. 56
- **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 56
  **u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **JUM 5 -** 19 ta' Diċembru **Is-Sibt P.M.** **Tema: MAGĦŻULA BIEX INKUNU QADDISA U BLA TEBGĦA**
  **Sorijiet u Kunsill Parrokkjali**
  (Resp. Sr Bibiana Grech o.p., u Tarcisio Barbara)

*Wara r-Rużarju*

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu**: O Ejja, ejja Emmanuel p. 5
  https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

**Mill-Ittra ta' San Pawlu Appostlu lill-Efesin (Efesin 1, 3-12)**

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu.
Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba.
Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu;
hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu, għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu,
li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.
Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond l-għana tal-grazzja tiegħu.
Bih fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu. Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu;
il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet;
jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu, kull ma hu fis-sema u kull ma hu fl-art.
Fih aħna wkoll konna magħżula, iddestinati minn qabel, skond il-pjan imfassal minn qabel
minn min imexxi kollox skont il-fehma tar-rieda tiegħu, sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu,
aħna, li, sa minn qabel, konna nittamaw fi Kristu.

***Il-Kelma tal-Mulej.*** ***Irroddu ħajr lil Alla.***

- **ĦSIEB**

**Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI**

Il-Kelma ta' Alla hija dik li ċċaqlaq l-istorja, li tnebbah il-profeti, li thejji t-triq tal-Messija, li ssejjaħ u ġġib flimkien lill-Knisja. Ġesù nnifsu huwa l-Kelma divina li saret laħam fil-ġuf bla tebgħa ta' Marija: fih Alla wera lilu nnifsu bis-sħiħ, qalilna u tana kollox, filwaqt li fetħilna t-teżori tal-verità u tal-ħniena tiegħu. Sant' Ambroġ ikompli jikteb fil-kummentarju tiegħu: 'Niżlet għalhekk il-Kelma, sabiex id-dinja li qabel kienet deżert, tagħmlilna l-frott. *Papa Benedittu XVI, Angelus, 6 ta' Diċembru 2009*

X'tgħid Marija? Hija tkellimna bil-Kelma ta' Alla, li saret laħam f'ġufha. Il-'messaġġ' tagħha mhu ħadd iktar ħlief Ġesù. Hu permezz tiegħu u għalih li hi hi l-Immakulata. U bħalma l-Iben ta' Alla sar bniedem għalina, hekk ukoll hi, l-Omm, ġiet imħarsa mid-dnub għalina, għal kulħadd, bħala sinjal minn qabel tas-salvazzjoni ta' Alla għal kull bniedem. B'dan il-mod Marija tgħidilna li aħna lkoll imsejħin ninfetħu għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu sabiex naslu, fid-destin aħħari tagħna, li nkunu immakulati, ħielsa mill-ħażen b'mod sħiħ u għal dejjem. Dan tgħidulna bil-qdusija tagħha nnifisha, b'ħarsa mimlija tama u ħniena li tfakkarna f'dan il-kliem: 'Tibżax, ibni, Alla jridlek il-ġid; iħobbok b'mod personali; kont fi ħsiebu qabel ġejt fid-dinja u ġabek fl-eżistenza biex jimlik bl-imħabba u bil-ħajja; u għalhekk ġie jiltaqa' miegħek, sar bħalek, sar Ġesù, Alla-bniedem, bħalek f'kollox minbarra fid-dnub; ta lilu nnifsu għalik, sa' ma temm ħajtu fuq is-salib, u hekk tak ħajja ġdida, ħielsa, qaddisa u bla tebgħa (ara Ef 1, 3-5).

L-Omm tħares lejna bħalma Alla ħares lejha, xbejba umli minn Nażaret, li ma tfisser xejn f'għajnejn id-dinja, imma magħżula minn Alla u prezzjuża għalih. Hija tagħraf f'kull wieħed minna x-xebħ ma' Binha Ġesù, avolja aħna daqshekk differenti minnu! Imma min iktar minnha jaf il-qawwa tal-Grazzja divina? Min aħjar minnha jaf li xejn mhu impossibbli għal Alla, li kapaċi saħansitra joħroġ il-ġid mill-ħażin? Huwa messaġġ ta' fiduċja għal kull bniedem fid-dinja. Messaġġ ta' tama li mhux magħmul mill-kliem imma mill-istorja tagħha stess: mara mir-razza tagħna, li tat lid-dinja l-Iben ta' Alla u li qasmet miegħu l-eżistenza kollha tagħha.

*Papa Benedittu XVI, Att ta' qima lill-Immakulata fi Piazza di Spagna, 8 ta' Diċembru 2010*

## ➢ TALBA

A. Familja Mqaddsa:

Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

## ➢ Tantum Ergo u Barka Sagramentali

https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

*Fil-Quddiesa*

➢ **Antifoni u Salmi** p. 32-34
➢ **Preċi** p. 57
➢ **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 57
**u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **JUM 6 - 20 ta' Diċembru** — **Tema:** <u>IL-FEDELTÀ TAL-MISSIER GĦANI FIL-ĦNIENA</u>

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħadd** | **A.M.** | **Museum - Bniet u Subien**<br>(Resp. Sup. Anthony Dimech u Carol Farrugia) |
| **Il-Ħadd** | **P.M.** | **Saċerdoti, u Kor 'Sine Macula'**<br>(Resp. Kappillan u Tony Pace) |

***Wara r-Rużarju***

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu:** <u>O Ejja, ejja Emmanuel</u> **p. 5**
  https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

**<u>Mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin</u>** **(Gal 4: 4-7)**

Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu,
mwieled minn mara, mwieled taħt il-Liġi,
biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.
U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abbà! Missier!
U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll bil-grazzja ta' Alla.

***Il-Kelma tal-Mulej.*** ***Irroddu ħajr lil Alla.***

- **ĦSIEB**

**<u>Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI</u>**

Il-mixja kollha tas-sena tal-Knisja tgħinna niskopru u ngħixu il-fedeltà tal-Alla ta' Ġesù Kristu li fil-grotta ta' Betlehem jerġa' juri ruħu lilna f'wiċċ ta' tarbija. Il-ġrajja kollha tas-salvazzjoni hija mixja ta' mħabba, ta' ħniena u ta' tjieba: mill-ħolqien għall-ħelsien tal-poplu ta' Iżrael mill-jasar fl-Eġittu, mill-għoti tal-Liġi fuq is-Sinaj għall-miġja lura f'arthom wara l-jasar fil-Babilonja. Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb dejjem kien Alla qrib, li qatt ma abbanduna 'l-poplu tiegħu. Ħafna drabi ħass b'dieqa l-infedeltà ta' dan il-poplu u stenna b'paċenzja li huwa jerġa' lura, dejjem fil-libertà tal-imħabba li timxi qabel u li ssostni lill-persuna maħbuba, attent għad-dinjità tiegħu u għall-istennijiet l-iktar profondi tiegħu. Alla ma ngħalaqx fis-sema tiegħu imma miel lejn l-affarijiet tal-bniedem: misteru kbir li jiżboq kulma wieħed seta' jistenna. Alla jidħol fiż-żmien tal-bniedem b'mod mhux mistenni: billi jsir tarbija, u jgħix l-istadji kollha tal-ħajja tal-bniedem, sabiex l-eżistenza kollha tagħna, spirtu, ruħ u ġisem – bħalma fakkarna San Pawl – tibqa' bla għajb u tiġi mgħollija minn Alla. U dan kollu jagħmlu mqanqal mill-imħabba fidila tiegħu lejn l-umanità. Meta l-imħabba tkun ġenwina min-natura tagħha stess tfittex il-ġid tal-ieħor, l-iktar ġid possibbli, u ma tillimitax ruħha li tirrispetta biss l-impenji li titlob il-ħbiberija, imma tmur lil hinn, mingħajr ma toqgħod tkejjel u tqis. Huwa dan li għamel l-Alla ħaj u veru, li l-misteru profond tiegħu jiġi muri lilna fi kliem San Ġwann: 'Alla hu mħabba' (1 Ġw 4, 8.16). F'Ġesù ta' Nażaret, dan Alla jieħu l-umanità u l-istorja kollha tagħha, u jibdilha b'mod ġdid, deċiżiv; jibdel il-mod ta' kif għandu jkun il-bniedem, immarkat mill-fatt li hu maħluq minn Alla u li hu miġbud lejh (ara *L'infanzia di Gesù*, Rizzoli-LEV 2012, p. 19).

*Papa Benedittu XVI, Omelija fl-Ewwel Għasar tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent, 1 ta' Diċembru 2012*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
  https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

- **TALBA**

A. Familja Mqaddsa:
Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

- **Tantum Ergo u Barka Sagramentali**
  https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

*Fil-Quddiesa*

- **Antifoni u Salmi** p. 35-37
- **Preċi** p. 58
- **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 58
  **u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **JUM 7** – 21 ta' Diċembru It-Tnejn P.M. — **Tema:** MARIJA, OMMNA U OMM IL-ĦNIENA
  **Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa**
  (Resp. Miriam Vella u Josephine Cassar Manghi)

*Wara r-Ružarju*

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu**: O Ejja, ejja Emmanuel p. 5
  https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

**Mill-Evanġelju skont San Ġwann** **(Ġwann 19, 26-27)**

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha,
qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek."
Mbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok."
U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

***Il-Kelma tal-Mulej.*** ***It-Tifħir Lilek Kristu.***

- **ĦSIEB**

**Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI**

Marija, li fil-ġuf verġinali tagħha Alla sar bniedem, hija Ommna! Dan huwa misteru ta' ħniena u mħabba, don li jagħni lill-Knisja b'maternità spiritwali għammiela.

Marija qatt ma titkellem fuqha nnifisha imma fuq Alla, u dan għamlitu b'dan l-isem tant qadim imma dejjem ġdid: ħniena, li tfisser imħabba u grazzja. Hawn tinsab l-eżistenza kollha tal-Kristjaneżmu, li hi l-eżistenza ta' Alla nnifsu. Alla hu wieħed għax hu mhux ħlief Imħabba, imma għax hu Mħabba huwa ftuħ, laqgħa, djalogu; u fir-relazzjoni tiegħu magħna, bnedmin midinba, huwa ħniena, kompassjoni, grazzja, maħfra.

Alla ħalaq l-eżistenza kollha u r-rieda tiegħu hija dejjem u biss il-ħajja. Għal min jinsab fil-periklu, hija salvazzjoni. "Alla tant ħabb lid-dinja li ta lill-Ibnu l-waħdieni, biex kulmin jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3, 16): f'din l-għotja ta'Alla fil-persuna ta' Ibnu hemm il-ħidma tat-Trinità: il-Missier li jagħtina dak li għandu l-iktar għal qalbu; l-Iben li, filwaqt li jobdi lill-Missier, jinża' mill-glorja tiegħu biex jingħata lilna; l-Ispirtu li joħroġ mit-tgħanniqa divina biex jisqi d-deżert tal-umanità.

*Papa Benedittu XVI, Diskors fl-okkażjoni tal-Att ta' Qima lill-Immakulata, 8 ta' Diċembru 2007;*
*Omelija, 17 ta' Mejju 2008*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
  https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

- **TALBA**

A. Familja Mqaddsa:
Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

- **Tantum Ergo u Barka Sagramentali**
  https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

*Fil-Quddiesa*

- **Antifoni u Salmi** p. 38-40
- **Preċi** p. 59
- **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 59
  **u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **JUM 8 -** 22 ta' Diċembru     **Tema:** NITNADDFU MINN ĦTIJIETNA
  It-Tlieta     P.M.     Abbatini - *Vestizzjoni*
  (Resp. Kappillan)

*Wara r-Rużarju*

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu:** O Ejja, ejja Emmanuel     p. 5
  https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

  **Mill-Evanġelju skont San Luqa**     **(Luqa 6: 37-38, 41-42)**
  F'dak iż-żmien, Ġesù qal:
  "Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati;
  aħfru, u ssibu l-maħfra; agħtu, u jingħatalkom.
  Kejl tajjeb, marsus, mheżheż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom;
  għax bl-istess kejl li tkejjlu intom jitkejjel lilkom.
  Għax tara t-tibna f'għajn ħuk, u ma tarax it-travu li għandek f'għajnek int?
  Kif tista' tgħidlu lil ħuk, 'Ħi, ejja nneħħilek it-tibna li għandek f'għajnek',
  meta mintix tara t-travu li għandek f'għajnek int?
  Ja wiċċ b'ieħor, neħħi l-ewwel it-travu minn għajnek int,
  ħalli mbagħad tara sewwa kif tneħħi t-tibna minn għajn ħuk."

  ***Il-Kelma tal-Mulej.***     ***It-Tifħir Lilek Kristu.***

- **ĦSIEB**

  **Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI**

  Is-Salvatur jiġi biex iġib fix-xejn il-ħidma tal-ħażin u dak kollu li għadu jista' jżommna 'l bogħod minn Alla, sabiex jerġa' jagħtina l-ġmiel li kellna u l-paternità tal-bidu. Bil-miġja tiegħu fostna, Alla jurina u jagħtina wkoll biċċa xogħol: dik li nkunu nixbhu lilu u li nfittxu l-ħajja vera, li naslu li naraw lil Alla f'wiċċ Kristu. Irridu nidraw inħossu lil Alla. Is-soltu Alla huwa 'l bogħod minn ħajjitna, mill-idejat tagħna, mill-azzjonijiet tagħna. Ġie qrib tagħna u jrid idarrina nkunu ma' Alla. Il-miġja tal-Mulej, għalhekk, ma jistax ikollha skop ieħor għajr dak li jgħallimna naraw u nħobbu l-ġrajjiet, id-dinja u dak kollu li hawn madwarna, bl-istess għajnejn ta' Alla. Il-Verb li sar tarbija jgħinna nifhmu l-mod ta' kif Alla jaħdem f'ħajjitna, sabiex inkunu kapaċi nħallu lilna nfusna niġu mibdula dejjem iktar mit-tjieba u mill-ħniena bla tarf tiegħu. Fil-lejl tad-dinja, ejja nħallu lilna nfusna nistagħġbu u niddawlu minn dan l-att ta' Alla, li xejn ma kien mistenni: Alla jsir bniedem. Ejja nħallu lilna nfusna nistagħġbu u niddawlu mill-kewkba li mliet l-univers bil-ferħ. Jalla Ġesù Bambin, li jiġi fostna, ma jsibniex m'aħniex ippreparati, medhija biss f'li nsebbħu ir-realtà esterjuri. L-attenzjoni li nagħtu biex indawlu t-toroq u d-djar tagħna għandha timbuttana dejjem iktar biex inhejju ruħna għal-laqgħa tagħna ma' dak li ġej iżurna, hu li hu s-sbuħija u d-dawl vera. Ejjew insaffu għalhekk il-kuxjenza u l-ħajja tagħna minn dak li jmur kontra din il-miġja: ħsibijiet, kliem, attitudnijiet u azzjonijiet, filwaqt li nimbuttaw lilna nfusna biex nagħmlu l-ġid u biex nagħtu sehmna ħalli nġibu f'din id-dinja l-paċi u l-ġustizzja lil kull persuna u hekk nimxu 'l quddiem biex niltaqgħu mal-Mulej.     *Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali, 22 ta' Diċembru 2010*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
  https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

- **TALBA**

A. Familja Mqaddsa:
Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*<u>jew</u>*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

- **Tantum Ergo u Barka Sagramentali**
  https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

***Fil-Quddiesa***

- **Antifoni u Salmi** p. 41-43
- **Preċi** p. 60
- **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 60
  **u Kantiku ta' Marija propju** p. 62

# ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

**Mill-Ktieb "Il Grande tempo della Misericordia" ta' Maria Ratta'**

# Novena tal-Milied 2015

- **JUM 9** - 23 ta' Diċembru — L-Erbgħa P.M.

**Tema:** <u>IL-MISTERU INEFFABBLI TAL-ĦNIENA TA' ALLA</u>
**Fratellanzi: Sagrament u Rużarju**
(Resp. Ninu Abdilla, u Joe Mifsud)

***Wara r-Rużarju***

- **Espożizzjoni u Strofa mill-Innu:** <u>O Ejja, ejja Emmanuel</u> p. 5
  https://www.youtube.com/watch?v=JcmGbmupsVQ

- **QARI**

**<u>Mill-Evanġelju skont San Luqa</u>** **(Luqa 2: 8-18)**

F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl. U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir. Iżda l-anġlu qalilhom: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura." F'daqqa waħda ngħaqdu ma' l-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu: "Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!" Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej." Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja.

***Il-Kelma tal-Mulej.*** ***It-Tifħir Lilek Kristu.***

- **ĦSIEB**

**<u>Mit-Tagħlim tal-Papa Franġisku</u>**

F'dan il-lejl, tinstema' mill-ġdid bħal raġġ ta' dawl l-iżjed ċar it-tħabbira ta' l-Appostlu:
"Għax dehret il-grazzja ta' Alla, għas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha" (Tit 2:11).
Il-grazzja li dehret fid-dinja hi Ġesù, imwieled minn Marija Verġni, veru Alla u veru bniedem. Hu ġie fl-istorja tagħna, qasam magħna l-mixja tagħna. Ġie biex jeħlisna mid-dlamijiet u jagħtina d-dawl. Fih dehret il-grazzja, il-ħniena, il-ħlewwa tal-Missier: Ġesù hu l-Imħabba li saret laħam. M'hux sempliċement għalliem għaref, m'hux xi ideal li lejh nimmiraw u li nafu li għadna mbegħdin sew minnu, hu s-sens ta' ħajjitna u ta' l-istorja li waqqaf l-għamara tiegħu f'nofsna.

Ir-rgħajja kienu l-ewwel nies li raw din l-"għamara", li laqgħu l-bxara tat-twelid ta' Ġesù. Kienu l-ewwel għax kienu fost dawk ta' l-aħħar, l-imwarrbin. U kienu l-ewwel għax baqgħu jishru matul il-lejl, huma u jgħassu l-merħliet tagħhom. Għall-pellegrin hi regola li jishar, u huma jishru. Magħhom nieqfu quddiem il-Bambin, nieqfu fis-skiet. Magħhom irroddu ħajr lill-Mulej li tana lil Ġesù, u magħhom inħallu jitla' mill-qiegħ nett ta' qalbna t-tifħir għall-fedeltà tiegħu: Inberkuk, Mulej Alla l-Aktar Għoli, li tbaxxejt għalina. Int wisq kbir, imma għalina ċċekkint; int għani, imma għalina ftaqart; int tista' kollox, imma għalina sirt dgħajjef.

F'dan il-Lejl naqsmu flimkien il-ferħ tal-Vanġelu: Alla jħobbna, tant iħobbna li tana lil Ibnu bħala ħuna, bħala dawl li jinfed id-dlamijiet tagħna. Il-Mulej itennilna: "La tibżgħux" (Lq 2:10). Kif qalu l-anġli lir-rgħajja: "La tibżgħux". U anki jien intenni lilkom ilkoll: La tibżgħux! Missierna hu paċenzjuż, iħobbna, jagħtina lil Ġesù biex idawwalna fil-mixja tagħna lejn l-art imwiegħda. Hu d-dawl li jdawwal id-dlamijiet. Hu l-ħniena: Missierna jaħfrilna dejjem. Hu l-paċi tagħna.

*Papa Franġisku, Omelija, 25 ta' Diċembru 2013*

- **Kurunella lil Ġesu' Bambin** p. 6-7
  https://www.youtube.com/watch?v=a_Wgfsuwp7c&feature=youtu.be

- **TALBA**

A. Familja Mqaddsa:
Familja hekk magħquda mal-misteru li nikkontemplaw fil-jiem tal-Milied tal-Mulej,
mexxi bl-eżempju tiegħek il-familji tad-dinja kollha! ... Iben Alla, li ġejt fostna fl-għożża tal-familja,
agħmel li l-familji kollha jikbru fl-imħabba u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità sħiħa
permezz tal-impenn ta' għaqda fidila u għammiela,
permezz tar-rispett għall-ħajja u t-tiftix għal solidarjetà fraterna ma' kulħadd.
Għalhekk għallimhom jiċħdu l-egoiżmu, il-gideb, u t-tiftix bla rażan għal dak li jaqbel lilhom biss.
Għinhom jiżviluppaw ir-riżorsi kbar tal-qalb u tal-intelliġenza, li jikbru meta tkun Inti li tispirhom. ...
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-umanità kollha, ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

*jew*

B. Nitolbu lill-Mulej, hekk kif jidher fil-presepju, ċkejken u dgħajjef,
sabiex f'kull qalb isawwab il-ħlewwa, it-tjieba, u l-ħniena:

Bambin Ġesù, ixxotta d-dmugħ tat-tfal! Wennes lill-marid u lill-anzjan!
Wassal lill-bnedmin biex iwarrbu l-armi tal-gwerra u biex jagħtu tgħanniqa ta' paċi!
O Ġesù ħanin, stieden lill-popli, biex iwaqqgħu l-ħitan mibnija
mill-miżerja u l-qagħad, mill-injoranza u l-indifferenza, mid-diskriminazzjoni u l-intolleranza.
Huwa Int, Iben Divin ta' Betlehem, li ssalvana u teħlisna mid-dnub.
Inti huwa l-vera u l-uniku Salvatur li l-umanità spiss tfittxek bil-mod il-mod.
Sultan tal-paċi, don tal-paċi mogħti lill-bnedmin kollha,
ejja u għammar f'qalb kull bniedem u f'kull familja.
Kun Int is-sliem u l-ferħ tagħna! Ammen.

*Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Messaġġ 'Urbi et Orbi' tal-Milied 1994*

- **Tantum Ergo u Barka Sagramentali**
  https://www.youtube.com/watch?v=wlzzVADtpws

*Fil-Quddiesa*

- **Antifoni u Salmi** p. 44-46
- **Preċi** p. 61
- **Antifona tal-Kantiku ta' Marija** p. 61
  **u Kantiku ta' Marija propju** p. 62